# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 15 ta' April 2021**

Appell numru 297/2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Jefrin GRECH**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta' Ottubru 2019 fil-konfront ta' Jefrin GRECH detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 523376M li ġie mixli talli f'dawn il-Gżejjer, f'Lulju 2006 u fil-jiem u fix-xhur ta' wara b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: a. Irċieva mingħand xi ħadd ieħor jew kiseb mingħand xi ħaddieħor

xi wegħda li jingħataw lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, imgħaxijiet jew qliegħ ieħor taħt liema għamla jkun, b'eċċess minn dak li jkun permess bil-Liġi;

2. Kif ukoll talli fl-istess dati, lok, ċirkostanzi, irrenda ruħu kompliċi ta' reat meta ta ordni jew struzzjonijiet sabiex isir l-istess reat u dan billi ġiegħel jew ħajjar lil James Hatherly sabex jidher fuq kuntratt ta' self ta' flus minfloku, u wara xehed u ħalef il-falz f'materja ċivili, u dan fil-kawża fl-ismijiet Marvin u Lorraine konjuġi McKay vs. James Hatherly.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

3. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'sentenza mogħtija nhar it-23 ta' Jannar 2019 kienet iddikjarat l-azzjoni penali preskritta fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni filwaqt li bis-sentenza mogħtija fil-15 t'Ottubru 2019 iddikjarat lill-GRECH mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni minħabba l-preskrizzjoni filwaqt li ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni minħabba li l-imputazzjoni kif dedotta ma kienetx ippruvata skont kif titlob il-Liġi u b'hekk illiberat lill-GRECH minnha u dan wara li, in suċċint qieset li GRECH kien ġie mixli bl-isperġur ossija il-judicial/legal purjury u l-extra judicial perjury. L-artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali kien jitratta l-isperġur fil-kawżi ċivili li kienu distinti minn dak li jseħħ fi proċeduri kriminali. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) analizzat l-elementi rikjesti għall-eżekuzzjoni tal-artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali u kkonkludiet li d-deposizzjoni trid tkun falza u trid ukoll twassal sabiex ixxekkel il-kors tal-Ġustizzja apparti li trid tiġi pruvata wkoll l-intenzjoni tal-aġent li jixhed il-falz. Dik il-Qorti stqarret

li kienet emnet dak illi qalu l-konjuġi Mckay u emnet ukoll illi huma għaddew minn kalvarju minħabba l-aġir tal-appellat GRECH b'mod li GRECH kien approfitta ruħu minnhom meta huma kienu f'qagħda vulnerabbli. Dik il-Qorti stqarret ukoll li kienet emnet li GRECH kien il-moħħ wara l-aġir ta' James Hatherly. Madankollu dik il-Qorti qalet ukoll li l-każ ried jiġi ppruvat sal grad rikjest mill-Liġi fejn allura, fil-fehma tagħha l-elementi rikjesti taħt l-artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali ma rriżultawx ippruvati. B'hekk ma setgħax jitqies li l-appellat GRECH kien kompliċi ta' dan ir-reat.

## C. L-APPELL INTERPOST MILL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-liberatorja tal-appellat mill-ewwel imputazzjoni filwaqt li tħassarha f'dik il-parti fejn sabitu mhux ħati mit-tieni imputazzjoni u minflok issibu ħati tat-tieni imputazzjoni u teroga l-piena kontra tiegħu skont il-Liġi. Fi ftit kliem l-argument tal-Avukat Ġenerali huwa s-segwenti u ċjoe illi nhar il-15 ta' Ġunju 2015 il-Pulizija kienu ġew infurmati b'żewġ notifiki mill-Qorti tal-Ġustizzja b'żewġ sentenzi annessi magħha, waħda mill-Qorti Ċivili Prim Awla u l-oħra fl-Appell Ċivili fl-ismijiet **Marvin u Lorraine McKay vs James Hatherly** li ġew deċiżi rispettivament nhar l-1 ta' April 2011 u d-29 ta' Mejju 2015 rispettivament. Dawn is-sentenzi kienu ġew riferuti lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir investigazzjoni dwar allegat użura liema allegazzjoni rriżultaw matul il-proċessi ċivili. Meta l-Pulizija bdew b'din l-investigazzjoni huma tkellmu mal-konjuġi Mckay minn fejn irriżulta illi dawn kienu ssellfu s-somma ta' Lm10,000 mingħand l-

appellat GRECH (magħruf bħala il-"Quq") minħabba li kellhom problemi finanzjarja fin-negozju tagħhom. In oltre huma ftehmu miegħu illi jħallsuh lura s-somma ta' Lm20,000 b'rata mensili ta' Lm500 fil-ġimgħa. Fuq talba tal-appellat GRECH, huma marru ilkoll għand nutar sabiex issir garanzija fuq is-self b'ipoteka fuq id-dar matrimonjali tal-konjuġi McKay. Ġara pero li fuq dan il-kuntratt kien deher James Hatherly flok l-appellat GRECH bl-iskuża illi l-appellat GRECH ma kienx jaqbillu jidher fuq kuntratti minħabba li kien għaddej minn taqlib mal-partner. Minħabba li l-qagħda finanzjarja tal-konjuġi Mckay baqgħet tiddeterjora l-partijiet kienu qablu li GRECH ma jibqax jirċievi s-somma fil-ġimgħa filwaqt li l-affari rigward il-garanzija fuq id-dar baqgħet hemm. Sussegwentement il-konjuġi McKay kienu rċevew komunikazzjoni dwar kawża għal-"sekwestru" tad-dar matrimonjali tagħhom minħabba inadempjenza fil-ħlas fil-konfront ta' James Hatherly liema proċedura tat lok għas-sentenza hawn fuq riferuti. Meta l-Pulizija tkellmu wkoll ma James Hatherly irriżulta ċar illi hu kien qed jintuża mill-appellat GRECH bħala paraventu bit-tir li tittieħed id-dar mingħand il-konjuġi McKay b'riżultat ta' l-inadempjenza fi ħlas illeċitu favur l-appellat GRECH. B'hekk il-Pulizija kienu fetħu proċeduri kontra James Hatherly f'dan is-sens u dawk il-proċeduri kienu ġew konklużi b'mod definittiv u fejn sussegwentement James Hatherly xehed fil-proċeduri tal-kawża kontra l-appellat GRECH. L-Avukat Ġenerali għalhekk iddikjara li huwa kien qiegħed iħossu aggravat bil-liberatorja fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u dan peress li skond il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) stess kien evidenti li anki dik il-Qorti kienet moralment konvinta mill-fatt illi l-appellat GRECH kien il-moħħ wara l-aġir ta' James Hatherly u li konsegwentement il-konklużjoni loġika wara dik il-

konsiderazzjoni kellha tkun li tikkunsidra li l-appellat GRECH kien ukoll kompliċi fil-ksur tal-artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

5. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

6. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

7. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

8. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

9. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

10. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

11. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

12. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

13. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne,**[5]

mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

14. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

15. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

16. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

17. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti

ma tkunx “unsafe and unsatisfactory”. Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta’ dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu meritu tal-aggravju tal-appellant.**

18. Illi l-pern wara dan l-appell huwa jekk mill-provi prodotti jirriżultax soddisfaċentement ippruvati l-elementi :

(a) tal-kompliċita fit-termini tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali;

(b) applikati fil-kuntest tar-reat ta’ sperġur f’materja ċivili fs-sens tal-artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali;

bejn l-appellat GRECH u James Hatherly.

19. L-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali, jgħid li persuna titqies kompliċi f’delitt jekk hija :

> (a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew
> (b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b’abbuż ta’ awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew
> (ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew
> (d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b’xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew
> (e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.

20. In oltre skond il-ġurisprudenza Maltija l-elementi tal-kompliċita huma s-segwenti:

> ...... jrid jirrizulta "a common design" li gie mfisser "the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it." Kwindi jrid jigi ippruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni illi l-appellant kellu l-istess intenzjoni u hsieb tal-awtur principali ta' dan ir-reat illi ghamel atti preparatorji u jwettaq ir-reat...[6]

21. In oltre fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech** ġie ritenut is-segwenti:

> Il-komplici huwa dak li ghalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa jaghmel xi haga, bi ftehim maghhom, jigifieri jkun hemm il-ftehim minn qabel maghhom, biex jghinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, anke min ikun qieghed jghinhom fit-twettiq tas-serqa per ezempju billi joqghod ghassa barra. Dan ikun qieghed jghinhom fit-twettiq ghax waqt li tkun qed ssir is-serqa gewwa, ghandhom il-guard barra li qieghed ghassa. Jew inkella, dejjem bi ftehim maghhom, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq tas-serqa, jew jghinhom, pero` dejjem bi ftehim minn qabel maghhom, biex wara s-serqa jaharbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm il-ftehim minn qabel.[7]

22. Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li mhux kull min ikun preżenti fuq ix-xena tad-delitt neċessarjament huwa preżunt kompliċi. Biex persuna titqies kompliċi jridu jirrikorru l-elementi tal-kompliċita, partikolarment il-'common design' jew il-ħsieb komuni li huwa essenzjali għal dan il-kunċett. Infatti fis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nicholas Aquilina et** ġie ritenut illi:

> Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt <u>kemm-il darba</u> jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[8]

---

[6] **Il-Pulizija vs. Kenneth Ellul** deċiża nhar il-15 ta' Jannar 2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Imħallef Michael Mallia.

[7] Deċiża nhar l- 24 a' Settembru 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali u preseduta mill-Imħallfin David Scicluna, Joseph Filletti u Joseph R. Micallef.

[8] Deċiża nhar l-24 ta' Mejju 2002 mill-Imħallef Vincent Degaetano.

23. Imbagħad il-Prosekuzzjoni riedet tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li r-reat li fih l-appellat kien kompliċi kien b'riferenza għall-isperġur fi proċeduri ċivili da parti tal-kompliċi James Hatherly. Ir-reat ta' sperġur fi proċeduri ċivili skont l-artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk :

> (1) Kull min jagħti xiehda falza f'materja ċivili, jeħel,meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.
>
> (2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu għal kull persuna li, bħala parti f'kawża ċivili, taħlef il-falz.
>
> (3) Kull min jagħmel affidavit falz, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li jkun jaf li dak l-affidavit ikun meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili f'Malta, jeħel, metajinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1).

24. L-Awtur Taljan Francesco Antolisei, fil-**Manuale di Diritto Penale** jgħid li dan ir-reat jiġi integrat meta persuna :

> deponendo come testimone innanzi all'Autorità giudiziaria, afferma il falso o nega il vero, ovvero tace, in tutto o in parte, ciò che sa intorno ai fatti sui quali è interrogato.[9]

25. Din il-Qorti kellha diġa okkażjoninijiet oħra tesprimi l-elementi tar-reat in disamina, fosthom fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Ruth Mary Baldacchino** deċiża nhar is-26 ta' Mejju 2016 fejn ġie ritenut is-segwenti :

> Illi hekk kif spjegat ben tajjeb l-Ewwel Qorti l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' spergur hekk kif dedott kontra l-appellata huma:
>
> 1. Ix-xhieda trid tkun moghtija fi proceduri civili;
> 2. Moghtija taht gurament moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti;
> 3. Tali xhieda trid tkun falza f'materja partikolari u li affetwat id-decizjoni ta' minn sejjer jiggudikha; u

---

[9] 2016, Giuffrè, Milano, paġna. 620.

4. L-volonta' konxja tal-falzita' f' tali xiehda – kwindi l-mens rea.

.....

Illi l-azzjoni penali ghar-reat ta'l-ispergur a tenur ta'l-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali u cioe' r-reat hekk ismejjah judicial jew legal perjury, jipotizza t-tehid ta' gurament falz fil-kors ta' kawza pendenti quddiem Qorti. Illi l-artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili li jipotizza tlett istanzi ta' spergur fi proceduri civili u cioe' l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u laffidavit falz.

Dana ir-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854. Sussegwentment saru xi emendi zghar ghar-rigward talpiena u recentement meta bl-Att III tal-2002 gie mizjud is-subinciz tlieta in konnessjoni max-xhieda permezz tal-procedura ta'l-affidavit li issa saret parti milligi procedurali taghna. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-ratio ta' dina ddisposizzjoni tal-ligi. Jispjega:

"Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita  in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia  di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero."[10]

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta ittestimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana ir-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' iwassal biss ghal miscarriage of justice, dana peress illi lgudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Illi madanakollu il-falsita oggett tar-reat, trid tkun tirreferi ghal **fatt materjali u determinati ghal ezitu tal-kawza**. Il-Mamo ighid:

"In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. … the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist." Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino : "Perche' sussista la falsa testimonianza … e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute **siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa**."  (sottolinjar tal-Qorti).

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha mens rea taxxhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo:
"The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime.… Consequently in

[10] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted."

Illi allura dak li ghandu ikun determinanti f'gudizzju dwar ir-reat ta'l-ispergur huwa b'mod ewlieni jekk dak mistqarr mix-xhud huwiex fatt determinanti u materjali ghall-ezitu tal-kawza u jekk tirrizultax l-intenzjoni kriminuza.

## Ikkunsidrat

26. Irid għalhekk qabel xejn jiġi stabbilit jekk l-appellat jistax jitqies bħala kompliċi ta' James Hatherly fil-mument meta dan tal-aħħar xehed il-falz quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili. Element ewlieni għalhekk li ried jiġi pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li James Hatherly xehed il-falz u fejn dan kien xehed il-falz b'kompliċita ta' l-appellat GRECH. Din il-Qorti fliet l-atti proċesswali bir-reqqa u qrat akkuratament ix-xhieda, fost oħrajn, tal-konjuġi Mckay u ta' James Hatherly.

27. L-appellat sa mid-Difiża tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) saħaq li minkejja li kienu saru diversi riferenza għax-xiehda ta' Hatherly f'kawża ċivili, tifli kemm tifli l-atti proċesswali, din ix-xiehda li allegatament ingħatat minn James Hatherly fi proċeduri ċivili ma dehret imkien. Jgħid ukoll li anke jekk, gratia argomenti, inġiebet prova ta' xiehda falza da parti ta' Hatherly, riedet tinġieb il-prova tad-determinatezza ta' dik ix-xiehda għall-eżitu tal-kawża. Inoltre jisħaq ukoll li riedet tinġieb il-prova li l-appellat irrenda ruħu kompliċi meta ta ordni jew struzzjonijiet sabiex jixhed u jaħlef il-falz

f'materja ċivili – biex b'hekk ikun hemm dak li jgħidulu l-"common design".

28. Minn dak li kitbet f'paġna 10 tas-sentenza tagħha jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tgħid hekk :

> **<u>Il-Qorti hi konvinta li l-konjugi Marvin u Lorraine McKay qeghdin jghidu l-veirta' u ghaddew kalvarju minhabba l-agir moqziz tal-imputat Jefrin Grech li approfitta ruhu minnhom fis-sitwazzjoni vulnerabbli li kienu. Il-Qorti hi konvinta ukoll li l-imputat kien il-mohh wara l-agir ta' James Hatherly.</u>**

29. Din is-silta miktuba **<u>in bold u underlined</u>** mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) turi kemm fil-fatt dik il-Qorti kienet temmen li Jefrin Grech kien il-mohh wara l-agir ta' James Hatherly. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) pero ma sabitx lill-appellat ħati tar-reat imsemmi fit-tieni imputazzjoni minħabba l-fatt li skontha l-Prosekuzzjoni ma kienetx ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dik il-Qorti qalet li kienet tpoġġiet f'sitwazzjoni li hi tgħid li ma setgħetx issib ħtija fl-appellat taħt l-artikolu 106(1) u 106(2) tal-Kodiċi Kriminali peress li dawn ma kienux pruvati tul il-każ. B'hekk l-imputat "ma jistax jinstab hati li huwa komplici ta' reat li l-imputat mhux se jinstab hati tieghu".

30. Jikkonsegwi minn dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li dik il-Qorti għalkemm kienet konvinta bil-kompliċita fl-atti li wettaq James Hatherly fir-rigward tal-konjuġi McKay stqarret pero li fl-istess waqt hija ma setgħetx issib lill-appellat ħati taħt l-artikolu106(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, li kif intqal qabel, huwa r-reat ta' min jagħti xiehda falza f'materja ċivili jew li bħala parti f'kawża ċivili taħlef il-falz.

31. Huwa veru li l-Prosekuzzjoni ma eżebietx kopja tax-xiehda allegatament falza li Hatherly offra fil-proċeduri ċivili, daqskemm l-anqas tirriżulta kopja tas-sentenza li ingħatat kontra Hatherly fil-proċeduri kriminali li ġew istitwiti kontra tiegħu. Iżda mill-atti jirriżultaw żewġ kopji awtentiċi tas-sentenzi li ingħataw fil-konfront ta' James Hatherly fil-prim'istanza u fl-appell. Għalkemm ma hemmx konnotati biżżejjed biex wieħed ikun jista' jgħid b'sikurezza li si tratta tal-istess James Hatherly, hemm biżżejjed informazzjoni f'dawn is-sentenzi, inkluż mill-okkju li jindika l-atturi bħala l-konjuġi McKay, kif ukoll li l-fatti u l-kawżali, li hawn si tratta tal-istess persuni.

32. Iżda aktar minn hekk hemm ukoll id-dettalji tas-self t'Lm20,000 magħmula quddiem in-Nutar Spiteri Maempel tal-5 ta' Lulju 2006 li fih kienu parteċipi kemm James Hatherly kif ukoll il-konjuġi McKay. Apparti minn hekk hemm ukoll ix-xiehda ta' Marvin McKay u martu Lorraine McKay nonche dik tal-istess James Hatherly li għalkemm bi ftit tqanżieh, twassal ukoll għall-konklużjoni li dawk is-sentenzi fil-fatt kienu jittrattaw ukoll l-istess kwistjoni li tnislet minn dak is-self funest.

33. Issa f'dawk is-sentenzi hemm imsemmi bl-aktar mod ċar li l-konvenut – allura Hatherly - kien ipparteċipa fil-kawża miftuħa minn Marvin u Lorraine konjuġi McKay tant li l-Qorti tgħid li huwa ppreżenta nota tal-eċċezzjonijiet kif ukoll li huwa xehed f'dawk il-proċeduri. Aktar minn hekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tgħid bl-aktar mod ċar li l-konvenut xehed f'dawk il-proċeduri quddiem dik il-Qorti tant li ssemmi bl-aktar mod ċar, f'paragrafu 7, f'paġna 3 tas-sentenza (50 tal-atti proċesswali) li l-kawża kienet tiddependi għalkollox fuq il-kredibilita' tal-partijiet u li l-Qorti ma kellha xejn xi

jmexxiha ħlief il-prinċipju li l-piż tal-prova jistrieħ fuq l-attur kif ukoll "dak li setgħet tosserva mill-imġieba tal-partijiet waqt is-smiegħ". Fil-paragrafu 9, f'paġna 4 tas-sentenza (51 tal-atti proċesswali) iżżid li "Il-konvenut jiċħad dan kollu: igħid illi tassew silef lill-konvenuti għoxrin elf lira (Lm20,000), daqskemm jidher fuq il-kuntratt, bla mgħax, u l-atturi ma ħallsu xejn lura". Fl-istess paġna fil-paragrafu 10, dik il-Qorti teqred kull dubju li setgħa kien hemm jekk il-konvenut Hatherly kienx xehed quddiemha meta tgħid hekk :

> Il-qorti wara li qieset sew dak li xehdu l-partijiet u x-xhieda u l-imġieba tagħhom waqt li kienu qegħdin jixhdu hija tal-fehma – mibnija fuq l-osservazzjonijiet tagħha biss – illi aktar tista' toqgħod fuq ix-xiehda tal-artturi, li għandhom jitwemmnu aktar mill-konvenut. Bħala konsegwenza l-qorti hija tal-fehma illi t-talbiet tal-atturi għandhom jintlaqgħu.

34. Naturalment kien ikun ideali għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li kieku l-Prosekuzzjoni preżentat it-test tat-traskrizzjoni tax-xiehda tal-konvenut Hatherly f'dawk il-proċeduri u mhux toqgħod tistrieħ fuq ir-rendikont tal-Qorti Ċivili fir-rigward tas-sustanza tax-xiehda tal-konvenut Hatherly f'dan il-każ ta' natura penali. Iżda mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tagħlaq għajnejha għall-fatt li l-Prosekuzzjoni preżentat dawn is-sentenzi li minnhom jirriżulta kemm li Hatherly xehed f'dawk il-proċeduri kif ukoll is-sustanza ta' dak li xehed.

35. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Frangisk Galea** deċiża mill-Qorti Kriminali fid-29 ta' Marzu 1952 mill-Imħallef A. J. Montanaro Gauci, ġie deċiż li :

> Il-ligi, li fil-kazijiet kollha tezigi l-ahjar prova, ma tezigix li, biex wiehed jinstab hati ta' xhieda falza f'gudizzju kriminali, jehtieg li x-xhieda tieghu tkun giet traskritta mill-Qorti, u li tkun tirrizulta ghalhekk bil-miktub. Kull ma huwa mehtieg mill-ligi hu li l-Qorti jkollha l-provi konkludenti u konvincenti ta' dak li l-imputat ikun xehed u tal-falsita' ta' dak li jkun xehed, flimkien max-xjenza fih ta' dik il-falsita'. Fejn u meta hemm in-notamenti mizmumin mill-Magistrat, l-aqwa prova tkun dawk in-notamenti; u allura dik il-prova tkun

> obligatorja; izda meta ma jezistux dawk in-notamenti, il-Qorti ma tistax tiskarta provi ohra jekk dawn iwasslu ghall-konvinciment tal-Qorti dwar l-akkuza ta' spergar; u jekk il-Qorti tasal ghal dan il-konvinciment, ghandha tiddikjara lill-imputat hati.

36. Fiż-żewġt sentenzi preżentati f'dawn l-atti hemm imsemmi ċar li l-konvenut, allura Hatherly, ipparteċipa bi sħiħ f'dawk il-proċeduri tant li anke kien ippreżenta appell. Il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet biex ikkonfermat is-sentenza tal-prim'istanza in kwantu għarblet ix-xiehda – erga ta' Hatherly inkluża – u kkonkludiet li l-verżjoni tal-atturi appellati kienet aktar ta' min jorbot fuqha. Anzi f'paġna 7 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (paġna 58 tal-atti proċesswali) dik il-Qorti ma kellhiex dubju wkoll dwar il-fatt li s-self li kien meritu għal dak il-każ kien self, imniġġeż bl-użura, u li l-protagonist tiegħu kien dak li dik il-Qorti tirreferi għalih bħala Jeffrey Grech – li hawnhekk nafu li huwa l-appellat Jefrin GRECH. Anzi l-Qorti tal-Appell tagħtih importanza ġmielha meta qalet li :

> l-konvenut naqas milli jispjega b'mod kredibbli l-presenza ta' Jeffrey Grech - li skont l-appellat huwa persuna maghruf ghas-self bl-uzura – meta sar il-kuntratt imsemmi. Hija kredibbli allura l-verzjoni tal-appellati li dan Grech, li huwa relatat mal-appellanti, fil-fatt kien il-persuna li hareg il-flus u li ma riedx jidher hu fuq il-kuntratt minhabba ragunijiet personali. Huwa kwindi evidenti li f'dan is-self kien hemm element ta' uzura li kellu jittiehed in konsiderazzjoni bil-pronunzjament tas-sentenza.

37. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), strettament kellha evidenza li fuqha setgħet tikkonsidra mhux biss l-element tal-kompliċita bejn GRECH u Hatherly fl-affari tal-konjuġi McKay, iżda kellha wkoll biżżejjed evidenza biex tikkunsidra wkoll l-elementi tal-isperġur fi proċeduri ċivili in kwantu, mis-sentenzi infushom kellha evidenza tal-istqarrijiet li Hatherly għamel bil-ġurament tiegħu fil-proċeduri ċivili, li stando ma dak mistqarr mill-Qorti Ċivili kienu :

(a) mogħtija bħala xiehda fi proċeduri ċivili istitwiti mill-konjuġi McKay kontra Hatherly;

(b) li dik kienet xiehda - ergo dikjarazzjoni bil-ġurament mogħtija quddiem awtorita kompetenti; u

(c) li dik ix-xiehda kienet falza f'materja partikolari in kwantu Hatherly ġie rapurtat mill-Qorti stess li huwa qal li kien "tassew silef lill-konvenuti għoxrin elf lira (Lm20,000), daqskemm jidher fuq il-kuntratt, bla mgħax, u l-atturi ma ħallsu xejn lura" – meta fix-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ Hatherly jikkonferma li huwa kien deher fuq dak il-kuntratt fuq struzzjonijiet ta' Jefrin GRECH u li dawn il-flus kienu ta' Jefrin GRECH u li ma kienux tiegħu. Fil-fatt f'paġna 27 tal-atti Hatherly jgħid ċar li huwa ma ħariġx dawn il-flus u f'paġna 28 jgħid li dawn il-flus kienu ta' GRECH. B'hekk Hatherly kien jaf ben tajjeb li d-dikjarazzjoni li huwa kien għamel fil-Qorti li huwa kien "tassew silef lill-konvenuti Lm20,000" kienet dikjarazzjoni falza magħmula bil-ġurament in kwantu fix-xiehda tiegħu f'dan il-każ jammetti li fatt dawk il-flus ma kienx silifhomlhom hu iżda kienu ta' Jefrin GRECH;

(d) u wkoll li din il-verżjoni tal-fatti kienet materjali u deċiżiva għall-ġudizzju tal-Qorti f'dik is-sentenza.

38. Jiġifieri din l-informazzjoni kienet essenzjalment tissodisfa l-voti tal-artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali. Biss din il-Qorti rat ukoll li dan mhux biżżejjed biex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet issib ħtija fl-appellat f'dan il-każ. Hemm konsiderazzjonijiet oħra li jridu jsiru dwar dan il-punt.

39. Il-Prosekuzzjoni f'dan il-każ donnha tibni l-każ tagħha in bażi għal dawn iż-żewġt sentenzi aktar il-fuq imsemmija. Biss il-konjuġi McKay u Hatherly ma jillimitawx ruħhom għal dawn il-proċeduri biss. Anzi, Marvin McKay jirreferi għall-proċeduri tas-subbasta li jidher li kienu ġew istitwiti minn Hatherly kontra tiegħu u martu. Marvin McKay, f'paġna 15 jixhed li f'xi żmien mhux preċiżat GRECH ried il-flus u tramite Hatherly kien fetaħ proċeduri ta' subbasta. McKay jgħid li "dhalna l-Qorti u bdejna bis-sistema biex jihu d-dar". Din il-kawża kien fetaħha Hatherly. Iżda imbagħad jgħid li l-ewwel kawża rebaħha meta ġie "annullat kollox, id-dar tigi rilaxxata u kollox".

40. Minn naħa tiegħu f'paġna 28 tax-xiehda James Hatherly ukoll jirreferi għall-fatt li huma kienu tilfu l-kawża. Huwa jgħid li din il-kawża infetħet biex jagħtih il-flus lura – u mistoqsi mill-Ispettur Stivala min kellu jieħu l-flus lura Hatherly jwieġeb li kien Jefrin GRECH. F'dak il-punt jidher biċ-ċar li Hatherly kien skomdu ħafna jixhed dwar verament x'kien ġara u jagħti l-informazzjoni bi tqanżiegħ kbir. Iżda sa fl-aħħar jgħid li din il-kawża kienu talbuh biex jiftaħha it-tifel tiegħu Ismael u Jefrin GRECH.

41. Mix-xiehda ta' Marvin McKay u James Hatherly jirriżulta li kien hemm żewġ proċeduri li jidhru li infetħu – dik ta' subbasta minn Hatherly bħala prestanome ta' Jefrin GRECH u dik il-kawża l-oħra minn Marvin McKay u martu Lorraine kontra James Hatherly. F'dawn l-atti ma hemm ebda prova oħra relattivament għall-proċeduri tas-subbasta li jixhdu dwarhom il-partijiet u ma hemmx prova meta dawn ġew istitwiti u xi provi kien hemm prodotti fihom b'tali mod li jkun jista' jingħad b'ċertezza jekk, fejn u meta Hatherly ikkommettiex sperġur fihom. Biss jirriżulta li l-imputazzjoni kontra l-

imputat GRECH tħalli barra kompletament din il-proċedura ġudizzjarja ċivili li allegatament Hatherly fetaħ kontra McKay u li fiha Hatherly setgħa wkoll irrenda ruħu ħati ta' sperġur fi proċeduri ċivili.

42. Il-kwistjoni taż-żmien hija wkoll kunsiderazzjoni determinanti ħafna anke fix-xiehda evidentement falza li Hatherly ta quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża li imbagħad kienu fetħu kontra tiegħu il-konjuġi Hatherly u li kienet il-bażi tal-inkriminazzjoni tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqha, fix-xiehda tiegħu f'paġna 26 tal-atti, huwa jammetti li kien ġie misjub ħati tagħha. Huwa veru dak li tgħid id-Difiża li anke hawn il-Prosekuzzjoni setgħet almenu produċiet kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li biha turi b'mod oġġettiv li Hatherly verament ġie misjub ħati kif minnu mistqarr.  Biss din il-Qorti ħadet "judicial notice with inquiry" ta' din is-sentenza pubblikata u rat li verament Hatherly kien, fl-4 ta' Jannar 2018, ammetta u ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-istess Maġistrat Dottor Joseph Mifsud talli "f'dawn il-Gzejjer, fil-bini tal-Qorti gewwa l-Belt Valletta, f'April 2011 u fiz-zmien li jigi qabel xehed u/jew halef il-falz f'materja civili, u dan fil-kawza fl-ismijiet Marvin u Lorraine konjugi McKay vs James Hatherly" u kkundannatu għall-piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal tliet snin.

43. F'dan l-appell, l-Avukat Ġenerali allura qiegħed jargumenta li ladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ kienet emnet dak li qalu l-konjuġi McKay; u kien hemm ukoll il-prova li Hatherly ammetta li kien ħati ta' sperġur f'dawk il-proċeduri li McKay fetħu kontrih; kif ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet emnet li kien hemm l-estremi tal-kompliċita bejn GRECH u Hatherly fit-twettieq ta' dawk l-

atti a detriment tal-konjuġi McKay allura l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ kellha ssib lil GRECH ħati tat-tieni imputazzjoni fis-sens li kien kompliċi ma Hatherly fl-isperġur ta' Hatherly.

44. L-Avukat Ġenerali kien ikollu raġun jippretendi dan li kieku f'dan il-każ Jefrin GRECH kien ġie mixli li huwa rrenda ruħu ħati tar-reat ta' kompliċita fl-isperġur fiż-żmien korrett u li setgħa legalment u raġonevolment jiġi meqjus li fih ir-reat seta seħħ. Il-Prosekuzzjoni xliet lil Jefrin GRECH bit-tieni imputazzjoni li taqra' hekk:

> talli f'dawn il-Gżejjer, f'Lulju tal-2006 u fil-jiem u x-xhur li jiġu wara, b'diversi atti magħmulin minnek fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
>
> .....
>
> (2) Kif ukoll talli fl-istess dati, lok, ċirkostanzi, rrendejt ruħek kompliċi ta' reat meta tajt ordni jew struzzjonijiet sabiex isir l-istess reat u dan billi ġiegħelt jew ħajjart lil James Hatherly sabiex jidher fuq kuntratt ta' self ta' flus minflokok, u wara jixhed u jaħlef il-falz f'materja ċivili, u dan fil-kawża fl-ismijiet marvin u Lorraine konjugi McKay vs James Hatherly.

45. Il-pern tal-problema huwa li mill-atti minn imkien ma jirriżulta meta l-proċeduri tas-subbasta istitwiti minn Hatherly kontra ta' Marvin McKay ġew istitwiti u prosegwiti; u fi kwalunkwe każ apparti li ma hemmx prova ta' xejn dwar x'qal Hatherly bil-ġurament fihom – għalkemm din il-Qorti tista biss tissoponi – din l-imputazzjoni ma tinkludix ukoll lil dawn il-proċeduri.

46. Mill-banda l-oħra mis-sentenzi eżebiti a fol 48 u 52 ġie pruvat b'sikurezza li l-proċeduri ċivili istitwiti kontra ta' James Hatherly u li fihom jirriżulta li Hatherly dikjaratament stqarr il-falz kienu ġew istitwiti mill-konjuġi McKay b'rikors ġuramentat li jġib in-numri 851/2009. Għalkemm ma hemmx id-data ta' meta dan ir-rikors ġie preżentat, in-numru tar-rikors jindika li dan ġie preżentat fis-sena 2009. Is-sentenza ingħatat fl-1 t'April 2011; iżda ma jirriżultax meta

l-konvenut Hatherly kien ikkonferma n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu bil-ġurament jew meta huwa xehed quddiem dik il-Qorti. Dak li dil-Qorti tista' tikkonkludi b'sikurezza huwa li Hatherly setgħa biss jikkonferma l-eċċezjonijiet u jixhed bil-ġurament biss wara li dan ir-rikors ġie preżentat.

47. Jiġifieri din il-Qorti għandha quddiemha sitwazzjoni fejn l-imputazzjoni kontra l-appellat GRECH tixlih li huwa kien irrenda ruħu kompliċi ta' reat ma James Hatherly meta ġiegħel jew ħajjar lil James Hatherly sabiex jidher fuq kuntratt ta' self ta' flus minfloku, **u wara jixhed u jaħlef il-falz f'materja ċivili, u dan fil-kawża fl-ismijiet Marvin u Lorraine konjugi McKay vs James Hatherly**.

48. Jiġifieri t-teżi akkużatorja tal-Prosekuzzjoni hija li f'Lulju 2006 u fil-jiem u x-xhur li jiġu wara, Jefrin GRECH irrenda ruħu kompliċi ma James Hatherly biex James Hatherly jixhed il-falz fi proċeduri ċivili li, dak iż-żmien kienu għadhom ma nfetħux, u li nfetħu biss madwar tliet snin wara permezz tal-kawża fl-ismijiet Marvin u Lorraine konjugi McKay vs. James Hatherly.

49. Din il-Qorti tista' tqis li l-provi juru b'ċertezza li f'Lulju 2006 u fil-jiem u fix-xhur ta' wara Jefrin GRECH u James Hatherly ftehmu bejniethom biex James Hatherly jidher fuq il-kuntratt tas-self (li l-Qorti tal-Appell Ċivili ikkunsidratu bħala indubbjament usurarju) ma Marvin McKay u martu Lorraine. Iżda din il-Qorti ssibha diffiċli li tqis li l-provi juru b'ċertezza wkoll li f'Lulju 2006 u fil-jiem u x-xhur ta' wara Jefrin GRECH u James Hatherly setgħu jiftehmu wkoll li Hatherly jixhed il-falz fi proċeduri ċivili li kienu għadhom ma ġewx miftuħa u dak iż-żmien kien għad fadal madwar tliet snin biex jiġu istitwiti.

50. Din il-Qorti, anke kif presjeduta, kellha diversi drabi l-okkażjoni li tistqarr li l-lokuzzjoni taż-żmien fiċ-ċitazzjoni hija importanti. Għalkemm din l-istess Qorti tkun lesta, f'każijiet ta' din in-natura li tagħti spazju għal **variances** li jistgħu jirriżultaw bejn il-provi u ċ-ċirkostanzi imsemmija fiċ-ċitazzjoni – u dan dejjem minħabba li ċitazzjoni hija del resto "un avviso a comparire"[11] – mill-banda l-oħra dawn il-**variances** ma jistgħux ikunu tali li jiżnaturaw in-natura tal-azzjoni kriminali magħmula mill-Prosekuzzjoni b'mod li jxejnu d-Dritt tad-Difiża xierqa. Il-Prosekuzzjoni dejjem kellha l-għażla li titlob korrezzjoni għaċ-ċitazzjoni fl-istadju proċedurali debitu – ħaġa li ma jirriżultax li saret – biex tkun tista' tkun aktar preċiża fid-dettalji spazio-temporali tal-imputazzjonijiet.

51. Apparti minn hekk anke l-lokuzzjoni wiesa li tinkludi jiem u xhur, għalkemm hija lokuzzjoni li hija aċċettata minn dawn il-Qrati xorta waħda trid tiġi użata b'ċerta attenzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-lokuzzjoni għandha tingħata t-tifsira ordinarja skont il-kalendarju. B'hekk il-kalendarju għandu kliem li jirriflettu kunċetti termporali speċifiċi. Erba' u għoxrin siegħa jagħmlu jum. Tmienja u għoxrin jum jew disa' u għoxin jum jistgħu jagħmlu x-xahar ta' Frar skont f'liema sena dak ix-xahar jaħbat; daqs kemm tletin jew wieħed u tletin jum isawru l-kumplament tax-xhur skont il-kalendarju. Mill-banda l-oħra sebat ijiem jagħmlu ġimgħa daqskemm erba' jew ħames ġimgħat, skont kif jaħbtu, jagħmlu wkoll xahar. Iżda bla dubju tnax il-xahar jagħmel sena.

---

[11] Ara **Il-Pulizija vs. Emanuele Azzopardi** deċiża nhar il-15 t'Ottubru 2019.

52. Mistqarr dan kollu b'hekk meta din il-Qorti tiġi konfrontata b'lokuzzjoni akkużatorja li tgħid "f'Lulju 2006, jew jiem jew xhur wara" Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha tinterpreta din il-lokuzzjoni temporali bħala li tirreferi għax-xahar ta' Lulju kollu, inkluż il-jiem u xhur ta' wara. Din il-frażi filwaqt li tinkludi "xhur", ma ssemmix "snin". Minn din il-lokuzzjoni tat-tieni imputazzjoni Qorti tista' tinferixxi li l-intenzjoni tal-Prosekutur kienet li jixli lill-imputat bir-reat de quo kif allegatament minnu kommess bejn ix-xahar ta' Lulju 2006 u x-xhur ta' wara li pero ma jinkludix ukoll snin ta' wara, in kwantu li kieku dik kienet l-intenzjoni tal-Prosekutur huwa kien ikun aktar ċar u speċifiku li jindika l-kelma "snin". Verament li għadd kbir ta' xhur jista' wkoll jikkostitwixxi snin. Iżda l-Liġi kriminali ma tistax tiġi interpretata b'dan il-mod daqshekk laxk u wiesa. Ir-riferenza għal xhur għandha tkun ristretta għal ammont ta' xhur f'kalendarju li ma jagħmlux flimkien aktar minn sena. Għalhekk il-kelma "xhur" għandha tinftiehem li tinkludi sa massimu ta' total ta' tnax il-xahar inkluż ix-xahar li għalih tkun qed issir ir-riferenza fl-att akkużatorju.

53. F'dan il-każ għalhekk din il-Qorti tista' tinterpreta t-tifsira ta' "xhur" bħala li tinkludi dak l-ispazju temporali bejn Lulju 2006 u l-aħħar jum ta' Ġunju 2007. Iżda mhux aktar minn hekk għaliex mad-dekors tal-aħħar jum ta' Ġunju jidħol fix-xena il-kuntest ta' "sena" jew "snin" – ħaġa li f'dan il-każ tħalliet barra mill-lokuzzjoni użata mill-Prosekuzzjoni fit-tieni imputazzjoni kontestata minnha lill-appellat.

54. Ir-reat tal-isperġur ġie kommess fil-mument meta Hatherly għażel li jixhed il-falz fil-proċeduri ċivili. Ir-reat ta' sperġur fi proċeduri ċivili huwa reat istantaneju. Il-provi f'dan il-każ ma jurux meta dan seħħ b'ċertezza. Li hu żgur huwa li dan setgħa seħħ wara

li dawk il-proċeduri fl-ismijiet **Marvin u Lorraine konjugi McKay vs. James Hatherly** ġew istitwiti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'xi data matul is-sena 2009. Iżda l-provi f'dan il-każ s'hemmhekk iwasluk. Ma hemmx provi oħra dwar meta kien hemm it-tfassil tal-"common design" bejn GRECH u Hatherly biex dan tal-aħħar jixhed il-falz f'dawk il-proċeduri ċivili. Il-loġika tgħid li almenu l-ewwel ried ikun hemm dawk il-proċeduri istitwiti. Biss anke jekk, gratia argomenti, kien hemm xamma li dawn il-proċeduri setgħu jinfetħu mill-konjuġi McKay sa minn Lulju 2006, jew jiem jew xhur wara, il-provi f'dan il-każ huma siekta għal kollox dwar meta dan l-element tal-"common design" biex Hatherly jikkommetti l-isperġur bejn GRECH u Hatherly tnissel; u l-anqas hemm provi ċerti li juru li dan fil-fatt seħħ f'Lulju 2006, jew jiem jew xhur wara.

55. Konsegwentement, għar-raġunijet imsemmija aktar il-fuq, din il-Qorti hija kostretta tiċħad l-aggravji tal-Avukat Ġenerali.

## Deċide

Għaldaqstant din il-Qorti tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**